15 ta' *Frar*, 1954.

**Imħallfin :**

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D., C.B.E.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Olga Spiteri et. *versus* Consiglia Parlar et.

## Sekwestru — Inġunzjoni għad-Depożitu — Art. [illegible] (1), [illegible] (2), u 879 (1) tal-Kodiċi tal-Procedura Civili.

***Il-kreditur** sekwestrant jista' jeżerċita l-azzjoni biex ijiegħel lis-sekwestratarju jiddepożita l-ammont kawtelat bis-sekwestru in kwantu biss ikun seħħ il-mandat; b'mod li, jekk is-sekwestru jkun tilef l-effikaċja tiegħu, is-sekwestrant ma għandu ebda dritt jitlob li s-sekwestratarju jagħmel dak id-depożitu.*

***L-effikaċja tal-mandat tas-sekwestru kawtelatorju tispiċċa, għal dak li hu s-sekwestratarju, wara sitt xhur, kemm il-darba l-Qorti, fuq ri-***

*kors tal-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-mandat, ma ġġeddidx iż-żmien. U dak ir-rikors għandu jiġi mhux biss preżentat, imma wkoll notifikat lis-sekwestratarju mill-inqas erba' u għoxrin siegħa qabel l-egħluq ta' dak iż-żmien.*

*Ir-responsabilità tas-sekwestratarju tispiċċa malli jaqa' s-sekwestru; u biex ikun hemm lok għall-azzjoni ta' regress kontra s-sekwestratarju għad-danni, hemm bżonn li s-sekwestru jkun validu u jeżisti mhux biss fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni, imma wkoll waqt it-tul kollu tal-kawża. U dan avvolja s-sekwestratarju jkun iddispona mill-effetti sekwestrati qabel ma jkun għalaq iż-żmien tal-validità tas-sekwestru.*

*Is-sekwestratarju huwa obligat jiddikjara jekk u liema flus jew effetti huwa għandu f'idejh tad-debitur sekwestrat; dan ifisser li hu obligat jiddikjara l-flus u oġġetti li jkollu fil-pussess tiegħu. Għalhekk, wieħed li ġie mitlub biex jgħodd xi flus, u jaqbad jgħoddhom fil-pretensa ta' min talbu jgħoddhom, ma jistax jingħad li għandu f'idejh dawk il-flus; u mhix inveridika d-dikjarazzjoni li huwa jagħmel fis-sens li huwa ma kellux f'idejh flus jew oġġetti oħra tad-debitur sekwestrat.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi ppremettew illi fl-20 ta' Marzu 1953 ottenew mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mandat ta' sekwestru kontra Caterina Zammit u f'idejn il-konvenuti, għal £200; u illi l-konvenuti, interpellati b'ittra uffiċjali tat-8 ta' April 1953, iddikjaraw li ma għandhom xejn ta' l-imsemmija debitriċi (dok. B, C); u ppremettew ukoll illi dik id-dikjarazzjoni kienet inveridika, għaliex fil-fatt il-konvenuti kellhom f'idejhom almenu £400, li ġiet *sussegwentement imħallsa lil kreditur tad-debitriċi*; u talbu li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, (1) jiġi dikjarat u deċiż li d-dikjarazzjoni magħmula mill-konvenuti wara l-ittra uffiċjali fuq imsemmija hija inveridika; (2) u li l-konvenuti jiġu kundannati jiddepożitaw fir-Reġistru ta' dik il-Qorti s-somma ta' £200, li kienet tinsab f'idejhom meta ġie eżegwit is-sekwestru fuq imsemmi, liema somma tikkorrispondi *għall-import tal-pretensjoni* kawtelata minnhom bl-imsemmija proċedura. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta'

Novembru 1953, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-konvenuti, fis-sens illi l-mandat tas-sekwestru fuq imsemmi tilef l-effett tiegħu, billi ma ġiex prorogat mill-atturi skond il-liġi, fil-konfront tal-konvenuti Parlar biss, u mhux ukoll fil-konfront tal-konvenut Nutar Agius, u ġie dikjarat illi d-dikjarazzjoni magħmula mill-konvenut Nutar Agius wara l-ittra uffiċjali ta' l-atturi hi veridika; u ġew miċħuda t-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża, kif riżultati mill-kumpless tal-provi, fil-qosor huma dawn;

B'kuntratt fl-atti tal-konvenut Nutar Agius tal-11 ta' Marzu 1953, Caterina armla Zammit biegħet lil Marianna Parlar, tifla tal-konvenuti miżżewġin Parlar, minn dsatax tmintax il-parti indiviża tal-mezzanin Hal Tarxien, Pawla Road, numru 69, bil-prezz ta' £720, li minnhom Carmela Zammit irċeviet fuq l-att £270 biss; għaliex fuq dak l-att hija ddikjarat illi kienet ġa rċeviet minn għand Marianna Parlar £10, u l-bqija, jew £440, Carmela Zammit iddelegat lil Marianna Parlar biex tivversahom u tħallashom lil Giuseppe Pisani bi ħlas u b'sodisfazzjon ta' daqstant ammont dovut lilu minnha kif imsemmi fl-istess att. Din id-delegazzjoni damet xi ġranet ma ġiet effettwata; imma mbagħad, bejn il-konvenut Nutar Agius, Marianna Parlar u Giuseppe Pisani, ġie miftiehem illi l-kuntratt tad-delegazzjoni kellu jiġi effettwat fl-20 ta' Marzu 1953, fl-uffiċċju tal-konvenut Nutar Agius;

Dak inhar Marianna Parlar kienet ftit okkupata, u għalhekk bagħtet lill-konvenuta, ommha, għand in-Nutar Agius b'dawk l-£440 ftit qabel il-ħin iffissat għall-kuntratt, biex jitlestew il-preparativi meħtieġa għall-att sakemm kienet tkun t'sta' tlaħħaq u tasal għand in-Nutar fil-ħin fissat għalih. Il-konvenuta Parlar marret għand in-Nutar Agius; u dan, wara li rrediġa l-att relativ, qal lill-istess konvenuta biex toħroġ il-flus ħalli jgħoddhom, u hekk ikunu lesti bħala korretti sakemm jaslu Marianna Parlar u Giuseppe Pisani. Il-konvenuta Parlar poġġiet fuq l-iskrivanija tal-konvenut Nutar Agius l-£440 li kienet tatha bintha Marianna Parlar, u x'ħin il-konvenut Nutar Agius ħa f'idejh parti minn dawk il-flus

biex jgħoddhom, daħal fl-uffiċċju tiegħu l-marixxall eżekutur biex jeżegwixxi, kif fil-fatt eżegwixxa, il-mandat imsemmi fiċ-ċitazzjoni; iżda ma mandat l-atturi kienu ottenew dak inhar stess minn din il-Qorti għas-somma ta' £200 b'kawtela ta' pretensjoni tagħhom kif imsemmija f'dak il-mandat kontra Caterina Zammit, u f'idejn il-konvenuti miżżewġin Parlar u l-konvenut Nutar Agius;

L-atturi kienu minn għalihom illi dak inhar kellu jsir il-kuntratt tal-bejgħ, u mhux dak tad-delegazzjoni, kif ukoll il-kumpraturi kellhom ikunu l-konvenuti miżżewġin Parlar, u mhux binthom Marianna Parlar. Malli l-marixxal eżekutur innotifika s-sekwestru lill-konvenuta Parlar u lill-konvenut Nutar Agius, dan issospenda kollox u ta lura l-flus li kellu f'idejh lill-konvenuta Parlar, li ħadet il-bqija minn fuq l-iskrivanija, u marret u ħadet kollox lil bintha Marianna Parlar; tant illi, meta ftit wara laħaq Giuseppe Pisani, fil-konvenut Nutar Agius qallu illi l-kuntratt ta' dak inhar ma setax isir;

Il-kuntratt tad-delegazzjoni sar għaliex wara, in segwitu għal protest li fit-30 ta' Marzu 1953, Giuseppe Pisani għamel lil Carmela Zammit u Marianna Parlar, meta dina ħallset direttament lill-istess Pisani b'eżekuzzjoni ta' dik id-delegazzjoni;

Fit-8 ta' April 1953, l-atturi interpellaw uffiċjalment lill-konvenuti biex fi żmien erbat ijiem jiddikjaraw liema flus jew effetti oħra kienu jinsabu f'idejhom tad-debitriċi Carmela Zammit; u l-konvenut Nutar Agius, b'ittra ta' l-10 ta' April 1953, u l-konvenuti miżżewġin Parlar b'ittra tat-12 ta' April 1953, irrispondew għal dik l-ittra u ddikjaraw li huma ma kellhomx, u qatt ma kellhom, flus jew effetti oħra f'idejhom ta' Carmela Zammit. U għalhekk ġiet din il-kawża, billi l-atturi jippretendu illi dik id-dikjarazzjoni tal-konvenuti hija inveridika, għaliex fil-fatt l-istess konvenuti, fil-ħin ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat tas-sekwestru, kellhom f'idejhom, ta' pertinenza ta' Carmela Zammit, almenu £440, li in segwitu huma ħallsu lil Giuseppe Pisani;

Illi l-konvenuti jeċċepixxu illi fil-mori tal-kawża l-mandat tas-sekwestru, kawżali unika taċ-ċitazzjoni, waqa', u għal-

ħekk il-kawża odjerna ma tistax treġi. Huma jallegaw illi l-mandat imsemmi fiċ-ċitazzjoni skada fid-19 ta' Settembru 1953, u l-atturi ma ħadux ħsieb li l-proroga ta' dak il-mandat tiġi preżentata u notifikata lis-sekwestratarja konvenuta Parlar fit-terminu legali, u għalhekk l-istess mandat waqa';

Illi, skond il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna, l-azzjoni eżerċitata mill-atturi titnissel mill-mandat tas-sekwestru, u tista' tiġi minnhom eżerċitata biss in kwantu hemm dak il mandat, billi hu in forza tal-mandat illi s-sekwestratarji konvenuti Parlar u Agius għandhom l-ordni mill-Qorti illi ma jerħux minn idejhom il-flus jew l-oġġetti ta' l-eżekutata Carmela Zammit, debitriċi ta' l-atturi sekwestranti, u l-obligu li jiddepożitawhom taħt l-awtorità ġudizzjarja. Mingħajr il-mandat is-sekwestratarji kienu jkunu meħlusa minn kull xorta ta' obligi versu s-sekwestranti. Għalhekk, jekk dak il-mandat bl-għeluq taż-żmien tiegħu, u minħabba n-nuqqas ta' proroga, ma jibqax iseħħ u jitlef l-effikaċja tiegħu, is-sekwestranti ma għandhom ebda dritt jitolbu lis-sekwestratarji jiddepożitaw il-flus tad-debitriċi; għaliex allura tkun tonqos il-bażi ta' l-azzjoni (Vol. XXXIV—I—290). Fin-nuqqas ta' proroga, l-effetti tas-sekwestru kawtelatorju jispiċċaw, relativament għas-sekwestratarji, bl-egħluq ta' sitt xhur mill-ħruġ tiegħu, u s-sekwestratarju li mhux intimat bi proroga huwa meħlus minn kull responsabilità derivanti mis-sekwestru wara l-għeluq ta' sitt xhur (Vol. XXII—I—129). Għalhekk irid jiġi eżaminat jekk l-atturi pprorogawx is-sekwestru qabel l-għeluq taż-żmien tiegħu; għaliex jekk dan huma ma għamluhx, taqa' l-bażi ta' l-azzjoni dedotta minnhom f'din il-kawża;

Illi, skond l-art. 853 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-effetti tal-mandat ta' sekwestru jispiċċaw, għal dak li hu sekwestratarju, wara sitt xhur, kemm il-darba l-Qorti, fuq rikors tal-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-mandat, ma ġġeddidx dak iż-żmien. U skond l-art. 383 (2) ta' l-istess Kodiċi, dak ir-rikors għandu jiġi preżentat "u" notifikat lis-sekwestratarju għall-anqas erba' u għoxrin siegħa qabel l-għeluq taż-żmien. Fil-fatt, il-mandat tas-sekwestru msemmi fiċ-ċitazzjoni skada fid-19 ta' Settembru 1953; l-atturi ppreżentaw

rikors għall-proroga tiegħu fl-14 ta' dak ix-xahar, u b'dik il-proroga ġew notifikati fit-terminu, jiġifieri erba' u għoxrin siegħa qabel id-19 ta' Settembru 1953, il-konvenut Nutar Agius u d-debitriċi Carmela Zammit; imma l-konvenuti miżżewġin Parlar ġew notifikati biha fit-28 ta' dak ix-xahar, jew wara l-għeluq taż-żmien; anzi jirriżulta illi l-konvenut Parlar lanqas ma ġie notifikat bil-mandat tas-sekwestru. Għalhekk, ladarba r-rikors ta' l-atturi għall-proroga, għad li ġie preżentat fit-terminu, ma ġiex ukoll notifikat lis-sekwestratarji konvenuti Parlar fl-istess terminu, ma jistax jitqies illi l-Qorti pprorogat dak il-mandat ta' sekwestru, li konsegwentement waqa' u spiċċa l-effett tiegħu;

L-atturi jissottomettu illi, meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, is-sekwestru kien għadu ma skadiex, u mbagħad skada u ma ġiex rinnovat waqt il-kawża, u għalhekk l-istess sekwestratarji ma jistgħux jeċċepixxu illi l-mandat ma għadux in vigore. Imma dik is-sottomissjoni ma hix sostenibili; għaliex ir-responsabilità tas-sekwestratarju tispiċċa malli jaqa' s-sekwestru, u biex ikun hemm lok għall-azzjoni ta' regress kontra tiegħu għad-danni, hemm bżonn illi s-sekwestru jkun validu u jsehh mhux biss fil-mument ta' l-azzjoni, imma wkoll waqt it-tul kollu tal-kawża (Vol. XXIX—I—1044);

L-atturi jissottomettu wkoll illi n-notifika barra mit-terminu ma setgħetx tinfluwixxi fuq din il-kawża, għaliex qabel ma saret l-istess kawża l-konvenuti kienu ġà ddisponew mill-flus li kellhom f'idejhom, non ostanti n-notifika tas-sekwestru fil-kwistjoni. Imma, kif ġie ritenut bis-sentenza issa ċitata, xejn ma jgħodd illi s-sekwestratarju jkun ħallas qabel l-għeluq taż-żmien tas-sekwestru, għaliex l-obligu tiegħu li jżomm il-flus, indipendentement minn kwalunkwe ħlas li huwa kien għamel qabel, jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien. Is-sekwestratarji konvenuti Parlar ma jistgħu qatt, di fronti għall-atturi kredituri, li ħallew jaqa' l-mandat, ikunu kundannati għad-danni, meta ma għandhomx il-bażi ta' l-azzjoni, jiġifieri l-mandat tas-sekwestru; għaliex preċiżament is-sekwestratarji, bi kliem ċar tal-liġi, huma liberati mill-effetti ta' dak il-mandat meta jagħlaq iż-żmien;

F'dawn iċ-ċirkustanzi, ladarba l-mandat tas-sekwestru

di fronti għall-konvenuta Parlar waqa', ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk id-dikjarazzjoni magħmula minnhom, imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, hijiex jew le veridika;

Illi, kif intqal, il-konvenut Nutar Agius ġie debitament u fit-terminu notifikat bir-rikors tal-proroga tal-mandat tas-sekwestru, u għalhekk fil-konfront tiegħu l-istess sekwestru ma waqgħax, u l-azzjoni ta' l-atturi tista', jekk tiġi pruvata, treġi kontra tiegħu. L-art. 379 (1) tal-Kodiċi ġà msemmi jiddisponi illi s-sekwestratarju, fi żmien.......... għandu jiddikjara lir-Reġistratur tal-Qorti.......... jekk u liema flus jew ħwejjeġ għandu f'idejh tad-debitur sekwestrat. Il-kliem "għandu f'idejh" adoperati f'din id-dispożizzjoni tal-liġi, evidentement ifissru "għandu fil-pussess tiegħu", kif jinsab miġjub fit-traduzzjoni bl-Ingliż ta' l-istess dispożizzjoni, jiġifieri "he holds in his possession". Issa, kif jirriżulta millprovi, il-konvenut Nutar Agius qatt ma kellu fil-pussess tiegħu flus ta' Caterina Zammit. Tabilħaqq, ġie pruvat illi, kif sar il-kuntratt tal-bejgħ, Marianna Parlar ħadet magħha l-£440 li hija kellha in segwitu tħallas b'delegazzjoni ta' Caterina Zammit lil Giuseppe Pisani; dak inhar li kellu jsir il-kuntratt ad-delegazzjoni Marianna Parlar bagħtet dawk il-flus ma' ommha għand il-konvenut Nutar Agius, u dan ma kienx għamel ħaġ'oħra ħlief ħa f'idejh parti minn dawk il-flus, li kienu tal-karta, u beda jgħoddhom, meta daħal il-marixxall eżekutur fl-uffiċċju tiegħu u innotifikah bis-sekwestru, u immedjatament il-konvenut Nutar Agius ta l-flus li kellu f'idejh qiegħed jgħoddhom lill-konvenuta Parlar, u qal lil din biex tieħu l-kumplament tal-flus li hija kienet poġġiet fuq l-iskrivanija. Għalhekk, apparti l-kwistjoni jekk dawk il-flus għandhomx jiġu kunsidrati li kienu ta' Carmela Zammit jew inkella ta' Marianna Parlar, hu indubitat illi l-istess flus ma kienux fil-pussess ġuridiku tal-konvenut Nutar Agius. Konsegwentement ma jistax jingħad illi d-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut Nutar Agius, magħmula bl-ittra ta' l-10 ta' April 1953 (fol. 7) in segwitu għall-ittra uffiċjali ta' l-atturi, hija inveridika;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, li biha appellaw missentenza fuq imsemmija tat-23 ta' Novembru 1953, tal-Prima

Awla tal-Qorti Civili;

Rat il-petizzjoni tal-atturi appellanti, li talbu r-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u l-laqgħa tat-talbiet tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi Caterina Zammit kellha tieħu min għand Mariann Parlar bilanċ ta' £440, u peress li kellha tagħti lil Giuseppe Pisani, iddelegat lil dik Marianna Parlar biex tħallashom lil dak Giuseppe Pisani, u Marianna aċċettat id-delegazzjoni (dok. fol. 46). Dak inhar li Marianna Parlar kellha tħallas dik is-somma lil Giuseppe Pisani, Marianna Parlar bagħtet lil ommha Consiglia Parlar bil-flus għand in-Nutar Agius biex, sakemm tilħaq hi dana jlesti l-minuta ta' l-att tal-ħlas. Consiglia Parlar poġġiet il-flus fuq l-iskrivanija tan-Nutar Agius, u dana beda jgħoddhom. F'dak il-mument daħal il-marixxall u nnotifika sew lin-Nutar kemm lil Consiglia Parlar bis-sekwestru li sadattant l-atturi kienu ħadu mill-Qorti. L-att ġie sospiż, u n-Nutar ikkonsenja l-flus lura li kellu f'idu lil Consiglia Parlar, u dina ġabret il-kumplament. X'ħin marret lura d-dar, Consiglia Parlar raddet il-flus lill-bintha Marianna Parlar, u ftit ġranet wara Marianna Parlar ħallset is-somma kollha lil Giuseppe Pisani. Fit-8 ta' April 1958 l-atturi, b'itra uffiċjali, interpellaw lill-konvenuti biex jgħidu xi flus u effetti oħra kellhom ta' Caterina Zammit, u l-konvenuti wiegħbu bil-miktub li la kellhom u lanqas qatt kellhom flus jew effetti oħra ta' Caterina Zammit;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti fuq esposti jidher ċar li l-appellat Nutar Agius qatt ma kellu fil-pussess tiegħu flus ta' Caterina Zammit, għax bil-fatt li huwa qabad biċċa minhom minn fuq l-iskrivanija biex jgħoddhom, b'daqshekk ma jistax jingħad li kienu daħlu fil-pussess tiegħu, iżda kienu għadhom fil-pussess ta' Consiglia Parlar bħala mandatarja ta' bintha Marianna. Il-kliem tal-liġi fit-test malti "Għandu f'idejh" għandha tifħiem skond it-test ingliż u t-test preċedenti taljan, li kien it-test oriġinarju tal-liġi, fis-sens ta' "għandu fil-pussess tiegħu"; u min ġie mitlub jgħodd u jaqbad jgħodd, fil-preżenza

stess ta' min talbu, somma ta' flus, ma jistax jinghad li ghandu ebda pussess ta' dawk il-flus. Ghaldaqstant kellu ragun l-appellat Nutar Agius iwiegeb ghall-ittra ufficjali ta' l-atturi li la kellu, u lanqas qatt ma kellu, flus jew effetti ohra ta' Caterina Zammit;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellat Giuseppe Parlar ma kienx imdahhal f'xejn, u la kellu, u lanqas żamm momentaneament, flus ta' Caterina Zammit. Ghaldaqstant anki d-dikjarazzjoni negativa tieghu kienet veridika;

Ikkunsidrat, fuq il-każ tal-appellata Consiglia Parlar;

Illi fil-mument tal-eżekuzzjoni tas-sekwestru dik Consiglia Parlar aċċidentalment kellha f'idejha, u, bhala mandatarja, fil-pussess taghha, flus ikkunsinnati lilha minn Marianna Parlar, u destinati ghall-hlas ta' dejn ta' Caterina Zammit lil Giuseppe Pisani. Meta Marianna Parlar aċċettat li żżomm parti mill-prezz li kellha tiehu Caterina Zammit biex, bhala mandatarja ta' din Caterina Zammit, thallas lil Pisani, dawk il-flus saru ta' Caterina Zammit, iżda baqghu fil-pussess ta' Marianna Parlar bl-obligu li thallashom lil Pisani. U fil-waqt li l-flus kienu f'idejha, Consiglia Parlar kienet taf b'dana kollu, u ghalhekk ma setghetx tghid li f'idejha qatt ma kellha flus ta' Caterina Zammt. Iżda dana ma jwassalx ghall-konsegwenzi mitluba fit-tieni talba;

U tabilhaqq, l-azzjoni ghall-kundanna tas-sekwestratarju biex jiddepożita l-flus u l-effetti milquta mis-sekwestru tinissel mill-mandat tas-sekwestru bhala effett, konsegwenza u skop tal-mandat, u ghalhekk jehtieg qabel xejn li jkun hemm mandat tas-sekwestru li jkun ghadu jsehh. Meta l-mandat ma jkunx ghadu effikaċi, ghax ikun waqa' minhabba nuqqas ta' prosegwa fit-terminu legali, tintemm il-bażi ta' l-azzjoni tal-kundanna ghad-depożitu. U tabilhaqq, minghajr mandat effikaċi, u ghalhekk in vigore, is-sekwestratarju ma ghandu ebda obligu jiddepożita. Iċ-ċitazzjoni ma tiswiex biex taghti hajja itwal lill-mandat li ma jkunx gie prorogat regolarment fit-terminu legali, u ma tohloqx titolu iehor ekwivalenti ghal

mandat tas-sekwestru li jkun intemm. U tabilhaqq, ġie deċiż ukoll minn din il-Qorti li, anki meta tkun saret l-ingunzjoni għad-depożitu fit-terminu ta' l-effikaċja tas-sekwestru, jekk ma ssirx il-proroga u jaqa' sadattant il-mandat, tintemm l-azzjoni għall-kundanna tad-depożitu (sent. App. 4 ta' Diċembru 1950, in re "Farrugia vs. Caruana", Vol. XXXIV-I-290). U kif iddeċidiet dil-Qorti f'kawżi oħra, xejn ma jiswa li s-sekwestratarju jkun ħallas qabel ma s-sekwestru jkun intemm, għax l-obligu tiegħu li jżomm il-flus jispiċċa meta jagħlaq it-terminu tal-mandat, u l-bażi tal-azzjoni huwa s-sekwestru, "li għandu jkun fil-mument mhux biss ta' l-azzjoni, imma waqt it-tul tal-kawża kollha, fil-forza tiegħu, ħalli jkun jista' jġib il-konsegwenzi meħtieġa li trid il-liġi" (sent. Appell tal-31 ta' Mejju 1937, re "Borg vs. Thorpe ne", Vol. XXIX, Parte I, Sezzjoni I, p. 1044 et seq.):

Ikkunsidrat;

Illi, skond l-art. 853(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jibqa' jseħħ għal sitt xhur; u biex l-effikaċja u l-ħajja tiegħu titwal, trid issir proroga; u dina tintalab b'rikors, li skond l-art. 383 (a) ta' l-istess Kodiċi għandu jiġi notifikat lis-sekwestratarju almenu erbgħa u għoxrin siegħa qabel l-iskadenza tat-terminu tal-mandat. Meta dan ma jsirx, is-sekwestratarju jiġi meħlus mill-obligi kollha derivanti mis-sekwestru (sent. App. tat-18 ta' Marzu 1941, re "Cecy vs. West", Vol. XXII—I—129);

Ikkunsidrat;

Illi l-mandat tas-sekwestru, fil-każ tal-partijiet, kien jiskadi fid-19 ta' Settembru 1953, u l-atturi talbu proroga b'rikors, li ma ġiex notifikat lil Consiglia Parlar qabel it-28 ta' dak ix-xahar, meta kien ġa għalaq it-terminu, u għaldaqstant dik in-notifika ma kienetx tiswa iżjed biex iġġedded il-ħajja tal-mandat; u mandat ġdid ma sarx. Għaldaqstant l-atturi ma għandhom ebda azzjoni derivanti mis-sekwestru kontra l-appellata Consiglia Parlar, u għalhekk lanqas għad-depożitu. Xejn ma jiswa li Consiglia Parlar, fil-mument tar-restituzzjoni tal-flus lil bintha Marianna Parlar, kienet obligata żżomm f'idejha dawk il-flus bis-saħħa tal-mandat. Li allura kien iseħħ, u li meta radditihom kienet in mala fede;

għaliex l-azzjoni tad-depożitu mhix bażata fuq il-mala fede, iżda fuq l-effikaċja attwali tal-mandat; u għalhekk din il-Qorti ma tistax issegwi t-tagħlim tas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-30 ta' Ottubru 1934 in re "Abela vs. Galea" (Vol. XXIX—III—11);

Ikkunsidrat;

Illi, peress li l-ewwel talba, in vista tal-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti fuq it-tieni talba, li hi t-talba prinċipali, ma għandha ebda importanza, u għalhekk jonqos l-interess ta' dik it-talba għax ma twassal għal imkien, u tirriżolvi ruħha f'dikjarazzjoni akkademika, u bħala dikjarazzjoni relativa għal sekwestru li ma għadux iseħħ lanqas tista' ġġib għall-kundanna tal-kap ta' l-ispejjeż in vista ta' l-estinzjoni ta' l-azzjonijiet kollha derivanti mis-sekwestru, lanqas għal dik id-dikjarazzjoni ma għandhom dritt l-atturi; għax bażi ta' kull azzjoni huwa l-interess ġuridiku;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-atturi, u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

---